# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 10 ta' Diċembru 2024**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 2300/2023 fl-ismijiet:**

**Joseph Muscat**
**vs.**
**Francis Muscat**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' **Sephora Wilma Muscat KI 328779M u Charmaine Muscat KI 660776M** tal-4 ta' Jannar 2024;

Rat li b'digriet tal-1 ta' Frar 2024 il-Qorti ordnat notifika ta' dan ir-rikors lil Joseph Muscat u lil Bank of Valletta plc għar-risposta tagħhom, iżda din il-Qorti ma rċeviet ebda risposta.

Rat li matul is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2024 il-Qorti ġiet infurmata li in segwitu għad-digriet ta' din il-Qorti tas-27 ta' Marzu 2024 il-Qorti ġiet infurmata li l-flejjes maqbuda mill-Bank of Valletta appartenenti lir-rikorrenti eventwalment ġew rilaxxjati lilhom biex b'hekk ir-rikorrenti ma kellhomx iżjed interess f'dawn il-proċeduri in kwantu l-meritu issa kien allura eżawrit. Fil-frattemp ir-rikorrenti ipprotestaw ruħhom dwar l-ispejjeż li skonthom ma kellhomx ibgħatuhom huma.

Il-Qorti rat li mill-premessi tar-rikors promotur jirriżulta li l-flejjes tar-rikorrenti kienu ġew miżmuma mill-Bank of Valletta minħabba li kien hemm

fis-seħħ mandat ta' sekwestru maħruġ minn Joseph Muscat kontra wliedu subien u r-rikorrenti intlaqtu għax kienu jiġu n-nisa ta' wħud mill-istess sekwestrati. Ir-rikorrenti jtennu li għal din ir-raġuni, il-Bank of Valletta mexa skont il-"prassi" tiegħu li biex dak il-Bank ikollu s-serħan tal-moħħ, jitlob lil miżżewweġ li ma jkunx milqut bil-mandat tas-sekwestru biex jottjeni l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex il-Bank jirrilaxxa s-sehem ta' dik il-parti li ma tkunx milquta bil-mandat. Kien fuq din id-direzzjoni li r-rikorrenti għamlu r-rikors promotur.

Din il-Qorti jidhrilha li għalkemm huwa minnu li r-rikorrenti kienu intlaqtu bl-effetti tal-mandat peress li huma kienu miżżewġin lis-sekwestrati mill-banda l-oħra huwa minnu wkoll li huma intavolaw ir-rikors promotur fuq suġġeriment tal-Bank of Valletta li għax ried ikollu s-serħan il-moħħ hu, imbotta lir-rikorrenti sabiex jadixxu lil din il-Qorti bir-rikors promotur.

Il-Qorti laqgħet it-talba li kienet saret sabiex il-mandat ta' sekwestru jitneħħa b'digriet tas-27 ta' Marzu 2024 bl-ispejjeż ikunu sopportati mis-sekwestrant Joseph Muscat. Ir-rikorrenti ma kienux milquta mill-mandat tas-sekwestru. L-azzjoni de quo intrapriża mir-rikorrenti kienet xprunata minn deċiżjoni li ħa l-Bank sekwestratarju biex jissalvagwarda l-interessi tiegħu aktar milli tagħhom.

# Konklużjoni

**Għaldaqstant, għall-motivi premessi, il-Qorti tordna li l-ispejjeż ta' din l-istanza jkunu a karigu, u jitħalsu, mir-rikorrenti.**

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**